# Dr. Gaetano Borg Olivier L.L.D. M.L.A. (1895-15.11.1980)

President tal-Każin Banda San Ġiljan (1927-1977)





Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Ftit nafu dwar ħajjet u ħidmet Gaetano Borg Olivier. Kellu karattru kwiet, iħobb il-familja wil-knisja, u kien iħobb iżomm profil baxx minkejja l-pożizzjoni li kellu, mhux biss bħala President ta' Każin, imma wkoll bħala persuna li kien jipprattika l-professjoni ta' avukat, u għal xi żmien ukoll, kien imdaħħal fil-politika.

Kliem muftieħ: San Ġiljan Ospitalier, Gaetano Borg Olivier, Ġużi D'Amato, Dun Amabile Bonanno, Dun Pawl Galea, Dun Philip Grech, Dun Guido Calleja, Dun Fortunato Axiak, Ġużeppi Cassar, Mro. Angelo Pullicino, Mro. Alfred Dimech, Carmelo Borg (pittur), Karlu Darmanin, Ralph Arrigo, Circolo Filarmonico San Giuliano, Banda tad-Domus San Alwiġi, Każin Banda 'San Ġiljan' San Ġiljan.



Gaetano, iben waħdieni, twieled f'Villa Leoni, 61, Triq il-Kbira, San Ġiljan fl-1895 minn Giovanni Borg Olivie u Georgina, imwielda Parnis. Ħa l-edukazzjoni tiegħu f'St. Ignatius College, St. Aloysius College u l-Università ta' Malta minfejn ħa l-lawrija ta' avukat fl-1922.[1]



Minn artiklu li kien deher f'programm ta' tifkira[2] jgħidilna ċar u tond li, 'l-ewwel Każin li qatt infetaħ f'San Ġiljan kien fis-sena 1922 ġo post żgħir f'numru 86, Telgħet B'Kara, San Ġiljan.' 'Il-Kappillan Amabile Bonanno (1874-1942) għen ħafna biex daċ-*Circolo San Giuliano* jifjorixxi, tant li sena wara irnexxielu jakkwista post ikbar u ferm aħjar fil-Bajja ta' Ġewwa fejn illum hemm il-Każin tal-Banda.'[3] Il-ftuħ uffiċjali tal-Każin sar nhar it-23 ta' Marzu, 1923, u tbierek filgħaxija nhar il-31 ta' Diċembru[4] tal-istess sena mill-istess Kappillan fil-preżenza ta' Gejtu Borg Olivier (President), is-Sur Giuseppi D'Amato (Viċi-President) u l-Kumitat. Dakinhar kien sar *party* sabiħ ħafna bid-daqq tal-orkestrina magħmula minn kitarri u mandolini, fejn ġie servut ukoll ħelu u xorb u affarijet oħra.

---

[1] Dr. Gaetano Borg Olivier – President għal 53 sena - Programm f'Għeluq il-50 sena mill-Banda San Ġiljan (1927-77). Il-paġni mhux nnumerati.

[2] 'Il-Każin ta' San Ġiljan' (pġ. 23) – Programm ta' tifkira maħruġ għall-okkażjoni taċ-Ċentinarju tal-istatwa titolari ta' San Ġiljan 1893-1993 mill-Każin tal-Banda San Ġiljan.

[3] Tagħrif meħud mill-programm tal-festa tal-Każin Band San Ġiljan – festa 2005 - 'Mid-djarju tagħna' paġni 18-19.

[4] Data preċiża mogħtija minn Spiru Tanti (1910-92) u l-awtur ta' 'Ġrajja tal-Każin San Ġiljan'. Bħala abbati, kien mar mal-Kappillan u Salvu s-Sagristan bis-sassla u l-asperġis għaċ-ċerimonja tat-tberik.



Nhar is-17 ta’ Awwissu 1924 ġie iffurmat l-ewwel Kumitat biex jieħu ħsieb il-festa titulari ta’ San Ġiljan ta’ dik is-sena. Fil-Programm tal-festa ta’ San Ġiljan Ospitalier – il-Ħadd, 12 t’Awwissu 1973 insibu ritratt kbir u lista sħiħa ta’ min kienu dawn ‘⁎ Il-Pijunieri tal-Każin tal-Banda San Ġiljan – 1924 ⁎’ Fir-ritratt, aktarx meħud fil-bitħa tal-Każin, insibu lill-Kappillan Amabile Bonanno bilqiegħda fin-nofs, u bl-Avukat Gaetano Borg Olivier (President) u Giuseppi d’Amato (Viċi-President) fuq kull naħa tiegħu. Bilqiegħda aktar fuq il-lemin imbagħad, jidhru wkoll Karmenu Grech (Segretarju), u maġembu, Ġużeppi Cassar (Teżorier u promotur tal-Każin). Il-bandiera fl-isfond, biċ-ċerv fin-nofs mdawwar b’ċirku wil-faxex vertikali ħamor u bojod imdaħħlin ġo skudett bil-kliem *Circolo San Giuliano* hija xiehda ta’ dal-mument storiku. (Interessanti l-fatt li hawn Gaetano jidher qed jippoża għar-ritratt mingħajr nuċċali!)



Fl-ewwel ta’ Jannar 1927 il-Kumitat taċ-*Circolo San Giuliano* għamel stedina lill-*Banda tad-Domus San Alwiġi*, imwaqqfa minn Dun Pawl Galea (1899-1970) u mmexxija mis-Surmast Angelo Pullicino (1904-79), biex ittella’ programm mużikali fil-Każin. Xi xhur wara, l-istess Banda ntalbet biex iddoqq għall-festa tad-Dutrina, B’Kara, u minn hemm bdiet sejra ‘l quddiem. Ġara iżda, li wara din l-ewforija kollha kien hemm xi nuqqas ta’ qbil bejn il-Kappillan u Dun Pawl, bil-konsegwenza li l-Banda tad-*Domus* kienet ser tisfaxxa. Il-Kumitat tal-Każin u l-Membri kollha taċ-*Ċircolo* riedu li l-Banda tinżel fil-Każin. Il-Kappillan tahom parir japplikaw il-Kurja, kif għamlu tassew il-President Gaetano Borg Olivier u l-Kumitat, bil-għajnuna wkoll tal-Markiża Scicluna wis-Sinjura Fransija. B’hekk, il-Banda tad-*Domus* niżlet u magħha ġarret il-beni kollha tagħha. U bħala turija ta’ dil-għaqda ġdida, iċ-*Ċircolo San Giuliano* irregala bandalora lill-Banda tad-*Domus* nhar it-13 ta’ Ġunju 1927, xogħol il-pittur Carmelo Borg (1905-81).






Każ ieħor fejn l-Avukat Gaetano Borg Olivier kellu x’jaqsam direttament miegħu kien meta xi sena wara it-twaqqif tal-Banda, s-Sur Ċikku Sciberras, li kellu d-dar f’idejh b’kera u li min-naħa tiegħu mbagħad krieha minn rajh lill-Każin, f’daqqa waħda reġa’ bdielu għax riedha kollha għalih u tahom is-sensja. Il-President u l-Kumitat fetħu kawża kontrieh u rebħuhielu bir-remissa u l-mezzanin b’kollox! Dik is-sena kienet saret festa kbira f’ġieħ ir-rebħa, u b’riħet hekk daħlu ħafna Soċi ġodda l-Każin. Dan wassal biex fit-2 ta’ Ġunju 1929, l-Avukat Gaetano Borg Olivier isejjaħ ‘Laqgħa Ġenerali Straordinarju’ fejn ittieħdet deċiżjoni li l-Banda tad-*Domus* wil-Każin *Circolo San Guiliano* jingħaqdu flimkien taħt l-isem *Circolo Filarmonico San*



*Giuliano.*[5] U kif il-Banda kienet għaddejja minn żmien sabiħ għall-ieħor, fl-1930 il-Kumitat iddeċieda li għandha ssir uniformi tas-sajf bajda. Din kienet iżżanżnet nhar is-17 ta' Mejju 1931 u li għaliha saret ċerimonja u festa kbira. (Fir-ritratt t'hawn taħt jidher l-Avukat Gaetano Borg Olivier liebes l-imsemmija uniformi.)

Minn hawn 'il quddiem, biex stajt nittraċċa ħajjet u ħidmet l-Avukat Gaetano Borg Olivier bħala President tal-Banda kif ukoll, mil-lat ġudizzjarju u politiku tiegħu kelli nirrikorri għall-kotba il-qodma tal-Minuti eżistenti.[6] Ngħidha bla tlaqliq, qed nħalli ħafna mill-informazzjoni sensittiva barra minħabba kwistjoni ta' kunfidenzjalità u/jew etika. Żammejt biss il-*highlights* fejn huwa ta' interess pubbliku.

**Ktieb tal-Minuti I**: Fl-ewwel paġna tiegħu nsibu miktub li, il-Membri kollha tal-Każin tlaqqgħu f'Seduta Ġenerali biex isir il-Kumitat il-ġdid għas-sena 1934 fejn Edwardo Darmenia, issekondat minn G. Agius, innomina lil G. Borg Olivier L.L.D. biex isir President tal-Fil: S. Giulian għas-sena imsemmija "kif kien fis-snin imgħoddija", liema vot għadda unanimament. Fortunatament ukoll, f'Seduta tat-13 ta' Mejju, u li għaliha l-President kien assenti, insibu li: '... ġie pproponut unimament mill-membri kollha biex inxtara rigal għall-President għall okkażjoni tat-tieġ tiegħu.'[7] G. Zammit u Salv: Agius ħadu ħsieb jixtrulu r-rigal tat-tieġ. Fil-fatt, Dr. Gaetano Borg Olivier iżżewweġ lil Emily, imwielda Peralta fit-2 ta' Ġunju 1934, liema żwieġ ma ta l-ebda ulied.



F'dawk li huma żjajjar imbagħad, insibu li, il-President qal lill-Kumitat bil-vista li għandu jagħmel il-Gvernatur ġewwa l-Każin ta' San Giulian fit-13 ta' Lulju. Għal dan il-għan il-'Kumitat għadda unanimament li issir qualunque ħaġa li għand(ha) bżonn. Li jsir programm mill-Banda u jsir ripó kif jixraq.' (Seduta: 5.7.1936) Hawn qed jirreferu għaż-żjara li kien għamel il-Gvernatur ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu l-Ġeneral Sir Charles Bonham Carter[8]. Il-programm mużikali li kien ittella' għall-okkażjoni baqa' jissemma għal bosta snin wara. F'Seduta tat-23.11.1936, 'Il-Kumitat għadda unanimament biex issir stedina għall-Isqof Caruana[9]. Il-Kumitat iddeċieda biex jieħu l-kariga l-President u jmur jistiednu id-dar.' Ma' dawn inżidu fatt kemmxejn kurjuż marbut ma' żmien it-Tieni Gwerra fejn 'Iċ-*chairman* isemmi l-ħsarat li sarulu l-President mill-ajruplani tal-*enemy*, u kulħadd jixtieq li (j)offrilu simpatija. Il-Viċi-President (Is-Sur Daddu Darmenia) ħa f'idejh din l-affari sabiex jikteb lill-President.' (Seduta: 2.3.1942).




**Ktieb tal-Minuti II**: Il-President kien jagħti pariri anki fejn jidħlu l-inqaqar, bħal meta ppropona 'li billi qed isir ħafna għajjat lir-raġel tal-*Bar* biex iservi lil dawk li jkun bogħod mil-*Bar* għandhom isiru xi *push bells* f'kull sala li fiha jkun hemm l-aktar nies.' (Seduta: 4.3.1948). Ma jonqsux ukoll id-diskorsi tal-okkażjoni bħal meta 'fi ftit kliem kommoventi' kien irrigrazzja lis-Sur Ġiljan Cassar tal-ħidma tiegħu flimkien ma' sagrifiċċji oħra li huwa għamel għas-Soċjetà u irregalalu rigal ċkejken ħalli jibqa'jfakkru fis-Soċjetà kemm idum barra minn art twelidu (Seduta: 22.06.1949).

---

[5] Kien biss snin wara li, is-Soċjetà biddlet isimha għal *Każin tal-Banda San Ġiljan*, u dan għamlitu minħabba l-kwestjoni tal-lingwa li kienet qegħda tiġi ppolitiċizzata.

[6] Sfortunatament, il-Każin għandu f'idejh biss erba' kotba tal-Minuti li jiena nnumerajt mill-I sa l-IV skond is-snin li fihom inżammu l-Minuti. Bejniethom, dawn iħaddnu s-snin bejn l-1934 u s-17 t'Ottubru 1959! Wara dit-data kelli nirrikorri għal ritratti, korrispondenzi, fatturi, irċevuti u dokumenti ta' kull xorta li jiena ġbart ġo fajlijiet apposta.

[7] Hawnhekk konna ftit iffurtunati għax dawn huwa l-ewwel ktieb tal-minuti li għandha l-Banda San Ġiljan fl-arkivju tagħha. Il-kotba tal-minuti bejn l-1927 u 1934 huma mitlufin jew sempliċiment ġew neqsin.

[8] Il-Ġeneral Sir Bonham Carter (1876-1955) kien it-tminn Gvernatur u *Commander in Chief* ta' Malta bejn it-12.03.1936-40.

[9] Mons. Arcisqof Dom Maurus Caruana O.S.B.kien Isqof ta' Malta bejn is-snin 1915-43.

**Ktieb tal-Minuti III**: Il-Laqgħat huma kkaratterizzati min-nuqqas ta' attendenza min-naħa tal-President - liema assenza kienet dovuta għal diversi raġunijiet. Ngħidu aħna, fis-Seduta tat-2.2.1949, 'Il-President ħabbar lill-Kumitat li mħabba t-telfa li kellu riċenti tal-mamà tiegħu (Georgina) ma setax …' jikteb lil min kellu jikteb. Fil-Laqgħa Ġenerali tat-28.1.1950 imbagħad, 'Il-Viċi-President fetaħ il-Laqgħa fejn fisser is-sogħba tal-President talli ma setax jattendi minħabba ċirkostanzi familjari li ma kellux setgħa fuqhom.' – liema ċirkustanzi mhux bilfors li huma marbutin ma' tal-ewwel.

L-involviment tiegħu fil-pulitka wkoll ma kienx iħallilu biżżejjed spazju għalbiex jattendi għal-Laqgħat b'mod regolari. Fis-Seduta tat-8.3.1951 diġà kienet saret referenza 'għall-iżvilupp fil-kamp politiku u l-probabbiltà ta' Elezzjoni (Ġenerali bikrija) f'qasir żmien.'[10] Fl-ittra, datata 14 ta' April, il-President bagħat jinforma lill-Kumitat li kellu l-intenzjoni li joħroġ kandidat fl-interess tal-Partit Nazzjonalista, u għaldaqstant, 'hu talab li jkun proviżorjament dimess mill-kariga ta' President sakemm tgħaddi l-Elezzjoni skont ma jitolbu ir-Regolamenti.' (Seduta: 14.4.1951). Iżda peress li dil-ittra ma kenitx laħqet waslet fil-ħin biex 'titqiegħed għall-kunsiderazzjoni tal-Kumitat', il-Kumitat ħa xokk meta sar jaf bil-kandidatura tiegħu biss minn fuq il-ġurnali ta' dakinhar! U b'hekk inħolqot sitwazzjoni fejn il-Kumitat kien jeħtieġlu assolutament isib soluzzjoni għaliha, li ma jmurx jieħu xi forma ta' deċiżjoni li tmur kontra r-regolamenti. Hawn, wieħed irid jammetti wkoll li, il-President kien ta' spiss jinqabad xogħol il-Qorti u dan l-inċident ta' darba sar għax kellu jiġri hekk.

Fuq nota differenti, fil-Bullettin Parrokkjali 'Xaqq Dawl' ta' Mejju 1951 insibu dat-tagħrif li ġej: Fit-12 t'April, saret festa sabiħa fil-Każin tal-Banda San Ġiljan, f'ġieħ il-fundatur tal-Banda, il-W.R. Dun Pawl Galea, fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħu għal kappillan tal-Gżira. Fil-kelmtejn li għamel il-President, l-Avv. Borg Olivier L.L.D. wera il-ħidma kbira ta' Dun Pawl biex iwaqqaf il-Banda. Il-Każin offrielu bħala rigal STOLA bajda sabiħa tassew. Il-Kappillan tal-Gżira wieġeb fuq il-ferħ li kien qed iħoss, jarah imdawwar mill-Kleru ta' San Ġiljan u dak tal-Gżira, mill-Kumitat u l-Membri tal-Każin, u mis-Superjuri tal-Familji Reliġjużi ta' San Ġiljan, u fuq it-twaqqif tal-Każin, fuq San Ġiljan u fuq il-Gżira. Wegħed li, l-ewwel Banda li se ddoqq fil-festa tal-Gżira se tkun dik li kien waqqaf hu: ta' San Ġiljan. Wara ġew offerti lil kulħadd ħelu u xorb.



Għal kuntrarju, il-Minuti ma jagħmlu l-ebda referenza għal żjara li l-Prim Ministru, l-Onor. Dr. Boffa kien għamel lill-San Ġiljan fl-ewwel ta' Novembru 1949 fejn ġie milqugħ mir-Rev. Kappillan, mill-Kleru u minn membri tal-Każin tal-Banda tal-post. ('Xaqq Dawl' - Nov-Diċ 1949 għadd nru. 7 u 8). Mhux l-istess jista' jingħad iżda, għall-miġja tal-Gvernatur Sir Gerald Harren Creasy[11] fejn il-Kumitat iddeċieda li 'San Ġiljan ikun mistieden il-Każin, u miegħu nistiednu is-Soċjetajiet ta' San Ġiljan kollha inkluż il-Kleru, u xi nies prominenti tal-Pajjiż, u jekk xi membru tal-Kumitat jixtieq iġib miegħu l-mara jista' wkoll, u fil-każ li l-Gvernatur jiġi bil-mara miegħu, lil dawn il-mistednin nistidnuhom bin-nisa tagħhom, li jsir *refreshment*, u jitwaħħal avviż fuq in-*notice board* bħala stedina għas-soċi.' (Seduta: 30.11.1951). Għal dil-okkażjoni wkoll, il-President kellu jagħmel indirizz lill-Gvernatur.



F'Seduta oħra tas-27.11.1952, għalkemm il-President kien fisser ix-xewqa tiegħu li jlaqqa' ż-żewġ Kappillani fl-istess okkażjoni, '... il-Kumitat qabel li, il-Każin jistieden 'ill-Kappillan Dun Anton

[10] Fl-1947 il-Partit Laburista rebaħ l-Elezzjoni u t-Tabib Boffa sar l-ewwel Prim Ministru Laburista u baqa' sa Settembru 1950. Minħabba f'inkwiet fil-Partit Laburista, Pawlu Boffa tneħħa minn mexxej tal-Partit fl-1949, u fl-1950 waqqaf il-Malta Workers' Party. Fl-Elezzjoni ta' 1951, il-Malta Workers' Party għamel koalizzjoni mal-Partit Nazzjonalista u Boffa ngħata l-kariga ta' Ministru tas-Saħħa u Servizzi Soċjali.

[11] Kien it-13-il Gvernatur ta' Malta mit-16.09.1949-03.08.1954.

DeBono[12], qabel ma jitlaq, l-istedina tkun għalih waħdu, u li l-Kumitat, soċi u bandisti jkunu mistiedna, filwaqt li issirlu preżentazzjoni ta' rigal, u min jippreżentalu r-rigal ifissirlu li dan ir-rigal ġie mogħti lilu f'dan il-Każin biex is-soċi u bandisti jkunu preżenti f'għaqda waħda, u għal dan ir-rigal iservi għall-okkażjoni tal-Pussess … Il-Kappillan il-ġdid issirlu l-festa fil-Każin meta jieħu l-Pussess.[13]



Bħala persuna li kienet ilha fit-tmexxija tal-Każin sa mill-bidunett, ma setax jonqos li l-Avukat Gaetano Borg Olivier ma jorganizzax il-25 sena anniversarju mit-twaqqif tiegħu. Fil-Minuti tas-Seduta tal-Ħamis 15 ta' Novembru 1951 insibu li l-President ġa kien qed jistaqsi lill-Kummisjoni fejn waslet fit-tifsil tal-Programm, imma meta ra li din min-naħa tagħha ma kienet bidlet xejn minnu ta ordni biex 'il-Kumitat jaqbad jaħdem fuq dak li hemm.' Imma ġara li, minħabba raġunijiet varji, il-ċelebrazzjonijiet tal-'Anniversarju tal-Banda' mxew għal nhar il-festa tal-Qalb ta' Ġesù fl-14 ta' Ġunju 1953 fejn dakinhar iżżanżnet ukoll it-tieni uniformi sajfija 'li kienet saret bl-inizjattiva tas-Sur Geo. J. Vella' li dak iż-żmien kien Direttur tal-Banda.



**Ktieb tal-Minuti IV**: Rigward l-ewwel Laqgħat, dawn ukoll kienu affettwati mill-miġja ta' Elezzjoni Ġenerali tal-1955 tant li 'l-Kumitat ħa deċiżjoni illi l-Ħadd 27 ta' Frar 1955, minħabba l-Elezzjoni tal-Gvern, it-tombla ma ssirx.' (Seduta 11.2.1955). Fil-Bullettin Parrokkjali 'Xaqq Dawl' ta' Jannar-Marzu 1954 reġa' deher avviż ieħor: 'ŻEWĠ MEMBRI FIL-PARLAMENT MILL-PARROĊĊA TAGĦNA: Fl-aħħar elezzjoni ġenerali l-Onor. Gaetano Borg Olivier L.L.D. M.L.A. (Nazzjonalist) u l-Onor. Gius. Ellul Mercer (Malta Labour Party) M.L.A. it-tnejn mill-Parroċċa tagħna telgħu fil-Gvern.' Mill-bqija, il-President kien ikun skużat aktar minħabba safar (Seduti: 29.9. u 16.9.1959) milli għax ikun xogħol il-qorti jew il-Parlament.

Il-ktieb isemmi wkoll ta' kif kellu jiġi l-programm wara li tintemm il-Quddiesa Solenni ta' Dun Furt Axiak[14]: 'Il-Banda twassal lis-Saċerdot b'marċi minfejn il-Parroċċa sal-Każin. Il-Każin jiġi milqugħ mill-President fejn wara li jippreżenta lill-Kumitat, jagħmel diskors taċ-ċirkustanza, u mbagħad wara jippreżenta r-rigal tal-Każin lis-Saċerdot. Ir-ripó għandu jsir għas-spejjeż tas-Saċerdot, u jkunu mistednin il-familja tas-Saċerdot, il-Kumitat u l-Banda.' (Seduta: 12.8.55).

L-Onor. Gejtu u s-Sinjura Emily Borg Olivier kienu wkoll fost il-mistednin distinti għall-ftuħ uffiċċjali tas-sala parrokkjali *St Julian's Hall* li tbierket mill-Kappillan Dun Guido Calleja u nawgurata mill-Onor. Dr. A Paris Ministru tal-Edukazzjoni, nhar it-Tnejn 20 t'Awwissu 1962. Preżenti għaċ-ċerimonja u r-riċeviment li sar wara kien hemm wkoll is-Sinjura Paris u Lady Mamo, kif ukoll rappreżentanti ta' Għaqdiet Kattoliċi.

---

[12] Dun Anton Debono, imwieled in-Naxxar, sar Saċerdot f'Awwissu 1937 u laħaq kappillan ta' San Ġiljan fl-1943. Laħaq Arċipriet tal-Furjana fl-1953 fejn baqa' sa ma miet ħesrem ġo lukanda f'Ruma fis-6 ta' Marzu 1959 meta kellu biss 49 sena. Huwa ġie midfun fil-Verano f'Ruma stess.

[13] Dun Philip Grech B.A. B.D. (11.05.1921-13.08.1988) ħa l-Pussess tiegħu nhar il-15 ta' Frar 1953.

[14] Dun Fortunato Axiak twieled iż-Żebbuġ, Għawdex 19.xi.1925). Kien jieħu ħsieb il-Knisja tal-Kunċiżżjoni u ppublika ktejjeb dwarha għeluq it-300 sena mill-bini tal-istess knisja.



Dan ir-ritratt tal-Kumitat kien ittieħed fl-istess sena meta Malta saret indipendenti fl-1964. Kellu jkun ukoll l-aħħar ritratt ta' Vincenzo Manicolo (1898-1964), membru fil-Kumitat u Direttur tal-Każin, li miet proprju f'Lulju ta' dik is-sena. Fit-testment tiegħu Vincenzo kien ħalla lill-Każin l-istatwetta ta' San Ġiljan, waħda mit-tlitt abbozzi li Karlu Darminin kien għamel biex fuqha ħadem l-istatwa titulari fl-1893. Din l-istatwetta, li llum tinsab maqfula b'għożża fil-vetrina tal-arkivju, kienet inġiebet il-Każin mill-President innifsu wara li kien mar jiġborha minn dar Vincenzo Manicolo wara mewtu.



L-Avukat Gaetano Borg Olivier irtira mill-kariga ta' President minħabba saħħtu, u l-Kumitat ħatru President Onorjarju 'għax-xogħol bl-akbar attenzjoni li hu dejjem għamel matul il-50 sena fil-kariga tiegħu bħala President.' L-Ittra tar-riżenja hija datata 4 ta' Jannar 1977. F'dik l-istess sena, il-Banda kellha President ġdid, is-Sur Ralph Arrigo, li għalkemm laħaq President fl-1977, kien ilu għal ħafna snin Viċi-President, u jippresiedi l-Laqgħat peress li Dr. Borg Olivier ma kienx jattendi ta' sikwit.[15]



L-aħħar dehra tal-Avukat Gaetano Borg Olivier, did-darba bħala President Onorarju, kienet fil-festi tal-Ħamsin Sena Anniverarju mit-twaqqif tal-Banda. Għal dil-okkażjoni, 'saru diversi attivitajiet u ċerimoni tul il-ġimgħa ta' bejn l-14 u l-21 ta' Awwissu: marċi fit-toroq tal-Parroċċa, inkixfet lapida kommemorattiva fid-dar ta' Dun Pawl Galea, sar ukoll *Sports Festival* fis-*San Ġiljan Waterpolo Club*. Il-programm għalaq bit-tiġrijiet taż-żwiemel, u Kunċert Korali Strumentali fil-Pjazza Spinola, li fih ħadet sehem il-Banda San Ġiljan (taħt id-direzzjoni tas-Surmast Alfred Dimech) u l-Kor ta' San Ġiljan. Fl-aħħarnett, inkixfet Plakka Kommemorattiva fil-Każin tal-Banda mill-President tal-Repubblika u ngħatat ukoll *bandalora mogħtija* mill-familja Busuttil'[16]





L-Avukat Gaetano Borg Olivier ħalla did-dinja fl-1980, fl-età ta' 85 sena. Fil-funeral, li telaq mir-residenza tiegħu, kien akkumpanjat mill-Banda San Ġiljan. Fl-1984, il-Każin ħaseb biex jagħmillu tifkira xierqa permezz ta' bust maħdum minn Alfred Camilleri Cuachi u jinsab inti u dieħel fis-sala ewlenija. U b'dan l-aħħar tagħrif niġu fi tmiem il-ġrajja ta' persunaġġ importanti li għal nofs seklu sħiħ kien President tal-Każin Banda San Ġiljan.

*L-awtur jixtieq jirringrazza wkoll lis-Sinjuri Dr. Hugh u Victor Peralta u lis-Sur Edward Cassar-Torregiani tat-tagħrif wil-materjal li għoġobhom jgħaddulu.*

[15] Tagħrif meħud mill-istess programm ta' tifkira – Għeluq il-50 sena mill-Banda San Ġiljan – 1927-77.
[16] 'Il-Mixja', Ottubru 1977 paġna 3.